# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Attard]**

**vs**

**Godfrey Grech**

**Kumpilazzjoni Numru: 386/19**

**Illum, 22 ta' Jannar, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra Godfrey Grech detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0434376(M) akkużat talli nhar id-dsatax (19) ta' Frar 2019 ghall-habta tas-sitta ta'

filghaxija (18:00hrs) gewwa l-impjant tal-Asphaltar, Triq Hal-Far, Birzebbugia u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Blasio Buttigieg (detentur tal-karta ta' l-identita numru 11969G), skond kif iccertifika Dr. Mark Grech (numru ta' registrazzjoni medika 5929) mill-isptar Mater Dei, liema persuna tbati minn marda tal-gisem fi grad li minhabba fiha ma kienitx tista' tiddefendi ruhha sew.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni a favur ta' Blasio Buttigieg u l-familja tieghu ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fejn

elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioè:

a. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 214, 215, 218(1)(b)(2), 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT**

Illi semghet lill-parte civile **Blasio Buttigieg** li wara li nghata d-debita twissija ddikjara li xtaq jixhed u ghamel hekk bl-ghajnuna tal-avukat tieghu Dr Anthony Stellini.

Ix-xhud iddikjara li fid-dsatax (19) ta' Frar filghaxija kien diehel ix-xoghol fl-Asphaltar fejn dan ra dahna kbira u xi haga taqbad fejn dan flimkien ma' xi security iehor tfewh. Jghid illi meta mar lura fil-kamra tieghu u kien qed jiftah il-

katnazz u jdahhal ic-cavetta mar l-imputat minn warajh u habbatlu wiccu darbtejn mal-hgiega. Jghid illi kellu ferita fuq ghajnejh tal-lemin. Jghid li minn hemm nizel l-ghassa ta' Birzebbuga u baghtuh il-poliklinik fejn dawn baghtuh l-isptar. Ghal dan il-ghan ix-xhud esebixxa certifikat mediku li gie mmarkat bhala Dok. BB1. Jghid illi xhud ta' dan l-incident kien hemm zewg securities wiehed barrani u l-iehor Malti.

Meta mistoqsi inkontroezami jekk meta kien diehel ix-xoghol dakinhar tal-incident kien ser isuq fuq l-imputat huwa nnega. Jikkonferma li din it-triq partikolari hija pjuttost wiesgha. Huwa nnega wkoll illi huwa kien ilu zmien imqabbad mal-imputat. Mistoqsi wkoll illi jekk hu veru illi kien hemm xi rapporti kontrih fuq xi fastidju lejn xi nies fil-plant tal-Asfaltar huwa ma nnegax u qal li ma kellux x'jaqsam. Huwa kkonferma li xi kultant kien jorqod gol-plant.

Illi fi stadju ulterjuri tal-proceduri x-xhud esebixxa serje ta' ritratti (Dok. BB2- BB12) fejn juru partijiet mix-xena tal-incident.

Meta rega' tela' inkontroezami, fuq mistoqsija tal-avukat difensur jekk kienx joqghod is-sighat quddiem ir-

residenza tal-imputat fil-karrozza jghid illi huwa kien gharus hemmhekk u ta' spiss kien imur jistenna l-gharusa tieghu. ikkonferma wkoll li dakinhar tal-incident meta kien qed isuq kien rah lill-imputat fit-triq u f'mument wiehed qal li kien qed isuq b'certu speed u f'mument iehor qal illi ma kienx.

Xehed **Dr Mark Borg** li kkonferma c-certifikat li kien ipprezenta Blasio Buttigieg u zied jghid illi dan sofra ferita fuq imniehru u fuq ghajnejn il-leminija.

**Raymond Farrugia** li kien jahdem bhala security u ra lill-imputat izomm b'idu ras Blasio Buttigieg fejn habbathielu mal-hgiega tal-kamra tas-securities fejn imbaghad ra lill-imputat tielaq.

Fuq mistoqsijiet inkontroezami fuq meta Blasio Buttigieg kien qed isuq u d-difiza tallega li saq fuq l-imputat jghid illi ma ra xejn ghaliex meta kien fil-vettura mieghu dan kien qisu mindud fuq is-seat u ghalhekk ma kienx qed jara min kien hemm fit-triq izda jikkonferma li kien qed isuq b'certa velocità izda mhux dik tal-'formula one' skont hu.

Xhud iehor **Milutin Knezevic** li xehed li dakinhar tal-incident kien fil-kamra tas-securities meta beda jisma'

ghajjat u dagha u hgieg jinkiser. Jghid illi meta hareg minn din il-kamra ra lil Blasio Buttigieg fid-demm go wiccu. Jghid illi ma setax jaghraf lil min ghamillu hekk ghax kien rah darba biss.

Illi l-espert **Dr Mario Scerri** pprezenta rapport li gie mmarkat bhala Dok. MS1 fejn dan iccertifika li Blasio Buttigieg is-segwenti:

***"1. Illi Blasio Buttigieg allega mal-esponent illi fi Frar tal-2019 dan kien involut f'incident mal-imputat Godfrey Grech fejn spicca b'xi lezjonijiet fuq wiccu;***

***2. Illi dan ittiehed l-isptar Mater Dei fejn sarulu xi suturi;***

***3. Illi c-cikatrici deskritta fuq in-naha tal-lemin tal-mohh, kienet rizultat ta' lacerazzjoni u din tibqa' bhala marka permanenti u sfiguranti fil-wicc li hija vizibbli from within talking distance;***

***4. Illi c-cikkatrici deskritta fuq in-naha tal-lemin tal-imnieher, kienet rizultat ta' lacerazzjoni***

***u din tidher ukoll from within talking distance izda mhix daqshekk konspikjuwa daqs l-ewwel wahda;***

5. ***Illi ma jirrizultax illi Blasio Buttigieg garrab xi fratturi tal-imnieher."***

Finalment xehed l-imputat **<u>Godfrey Grech</u>** li beda jispjega li ilu jahdem mal-kumpanija Asfaltar ghal disgha u ghoxrin (29) sena jiehu hsieb il-makkinarji. Fuq il-parte civile jghid illi dan kien ilu mqabbad mieghu. Jghid illi darba minnhom kien hareg bil-ganc tat-tonn ghalih u darb'ohra mar jiggagbinah mal-imghallem u ma jistax jifhem ghal dan l-atteggjament tieghu ghaliex minghandu dejjem gid kien raha. Jghid illi kien hu li kien gabarlu jdejh meta kellu accident ma' xi magna u qatghathielu u mar bih l-isptar. Jghid illi darba minnhom kien avvicinah security u kien wissieh li xi darba ghad jaqbad mieghu u hekk kien sar, fil-fatt ma bediex ikellmu. Jghid illi darba minnhom meta hu kien qed jahraq il-qatran ghaddiet ombra minn warajh u kien Blasio Buttigieg. Ix-xhud jghid illi peress illi jaf li kien hemm incident ma' certu Tarcisio Calleja fejn Buttigieg kien gie warajh u fajjarhielu, l-imputat wissieh biex ma jergax jghaddi minn warajh. Fil-fatt jghid li dan l-incident ta' qabel ma' Calleja kien involut ukoll it-tifel ta' Blasio

Buttigieg fejn dawn taw xebgha lil Rokku Zahra li kien security u sahansitra dahlet il-pulizija.

Fuq dakinhar tal-incident l-imputat jghid testwalment:

> "*Kif wasalt bejn il-low loader li nghabbu t-trakkijiet fuqu u l-mizien, il- . . . . . li niznu trakkijiet fuqu e nilmah lilu gej, diehel mix-xatba 'l gewwa gej lejja, gej minn barra faccata tieghi u mieghu kien hemm riekeb Raymond Farrugia, Security tal-JF, u gejjin bil-mod kemm . . . . . bir-roti bil-mod, isuqu bil-mod u jiena miexi u x'hin ghajnejh gew go ghajnejja, x'hin rani, ghafas il-gass u saq ghal fuqi u jiena ggennibt, iggennibt ghal mat-trakk ghax kien jaqbadni, kien iwegghani. Issa dan kien diga ghamilha fuq it-tifel tieghu u kien tajru ahseb u ara fuqi u . . . .*
>
> *U nsomma u ghadda minn mieghi xkanat u harist lejh u nsibhom lilu u lil Raymond jidhku sejrin 'l isfel.*"

Imbaghad ikompli jghid x'gara wara:

*"X'hin irkibt gol-vann, x'hin istartjajt il-vann u sejjer lejn il-vann ha nohrog, jiena u hiereg minn gox-xatba jaqsamli Blasio Buttigieg minn quddiemi b'dik id-dahka.*

*. . .*

*Bil-mixi, bil-mixi b'dik id-dahka provokanti hekk. Inzilt u mort hdejh biex nghidlu jieqaf jipprovokani u qalli: "Jien ghala biebi minnek", qalli "jiena hawn naghmel li rrid u jien lilek ma ghamiltlek xejn".Ghidtlu: "Ma ghamiltli xejn," ghidtlu: " kwazi tajjartni?" Qalli: "Din mhux se tieqaf hawn". Imma s'hemmhekk jiena ma missejtux pero' Sinjura x'hin rajtu dar jigri biex jidhol jigri ghal gol-kamra tieghu hemmhekk tfixkilt u bzajt. Qbizt ic-cint, ma ridt intih ebda cans jidholli gol-kamra."*

A rigward ghaliex ma ridux jidhol gol-kamra jghid illi f'din il-kamra kien ikollu minn kollox u cioè:

*"Armi, armi, drogi kollox kien ikollu.*

*. . . .*

*Jien b'ghajnejja rajthom. Jiena, jien delettant tal-kacca u darba minnhom gie u qalli: "Ara dan ir-revolver ara kif jahdem." Ghidtlu: "Jien fihom ma nifhimx." Ghidtlu: "Jiena dis-snieter nifhem". Ghidtlu: "F'dawk ma nifhimx." Dik kienet."*

Jispjega wkoll l-incident tal-ganc tat-tonn li wkoll kien gabu minn din il-kamra u jghid:

*"Dak niftakar li kien hemm Taljan kien xtara karozza u, u minghand min xtraha kien sajjied u kellu ganc tat-tonn u dan il-ganc tat-tonn kont ilni narah. Warbu u nsomma u hadu u meta kien hargu ghalija kont mort ghidtlu: "Int ha ddum tipprovokani?" Ghidtlu: "Ieqaf," ghidtlu: "aqtaghha". Qalli: "Din ma tridx tieqaf hawn". Kull darba ilu.*

Meta l-imputat rega' dar ghal dik il-gurnata tal-incident ezatt meta l-parte civile kien telaq biex jidhol gol-kamra fejn l-imputat iddeskriva x'kien ikollu fiha kompla jghid:

*"Qed nghidlek kif rajtu dar biex jidhol ghal gol-kamra tieghu, hemmhekk ma tajtux cans. Qed nghidlek bzajt u tfixkilt. Qbizt ic-cint li kien hemm*

*bejnu u bejni, tfixkel f'saqajja ghax jien fini tifel, tfixkilt f'saqajja, nahtfu mill-flokk*

*. . . .*

*Waqajt imbaghad imma nahtfu mill-flokk lilu biex ma, ma nhallihx jidhol, htaftu mill-flokk, kif jiena waqajt lilu qed narah tilef il-bilanc u baqa' diehel gol-bieb tal-hgieg. Hu kisru l-bieb.*

*. . . .*

*Waqajt fuqu. Imbaghad x'hin qbadtu minn, x'hin qbadtu mill-flokk ergajt u qed intellghu 'il fuq, qed inqajmu mill-art biex infajjarielu.*

*. . . .*

*Qieghed naralu wiccu kollu demm qed tifhem? Imma lhaqt tajtielu heqq. Jien dak il-hin irrejalizzajt li jien lilu waqqaftu. Ma seta' jgib xejn ghalija u rrejalizzajt ukoll li zbaljajt e. Imbaghad mort lejn id-dar".*

L-imputat esebixxa zewg ritratti Dok. GG1 u GG2 fejn juru l-post tal-incident senjatament ic-cint li jghid illi qabez. Dok. GG3 huwa ritratt iehor tal-vettura tal-parte civile Blasio Buttigieg biex jissostanzja l-fatt illi dan tal-ahhar kien imur quddiem id-dar tal-imputat ghal hin twil li ghal dan hemm rapport lill-Pulizija (Dok. GG4).

Ghad-difiza xehed **Ian Magro** li huwa direttur fil-kumpanija Asfaltar jghid illi sija l-imputat kif ukoll il-parte civile ilhom jahdmu mal-kumpanija ghal snin twal. Jghid illi Blasio Buttigieg jahdem maghhom bhala watchman u jikkonferma li dan kellu hafna battibekki ma' shabu tax-xoghol fejn kienu jinvolvu sija argumenti bil-kliem kif ukoll aktar minn hekk. Semma' incident fejn Blasio Buttigieg mar ghal certu Tarcisio u beda jtih b'furkettun. Jghid illi wara l-incident fejn tilef idejh bil-crusher fl-impjant ix-xhud jghid illi dan baqa' jahdem maghhom bhala watchman izda aktar ma jigix milli jigi. Jghid illi xorta wahda baqghu jtuh il-paga u speci ta qal illi huma kienu hassuhom responsabbli tal-incident tieghu u ghalhekk kienu hallewh jahdem hemmhekk sabiex izommu l-paci. Jghid ukoll li huma kuntenti jekk ma jigix ghax-xoghol ghax b'hekk l-ilmenti u l-argumenti man-nies jonqsu ghax skont hu kellu hafna kazijiet ma' diversi nies mhux maghhom biss u jpattiha lil min ikollu x'jaqsam mieghu.

Xehed ukoll **Tarcisio Calleja** li kkonferma l-incident li kellu ma' Blasio Buttigieg fejn jirreferi ghalih bhala persuna mhux tal-affari tieghu stante li darba wahda kien gie jaffrontah fuq xi haga u qabad furkettun u beda jtih fuq wiccu. Jghid illi wara l-incident Blasio Buttigieg mar jigri ghand il-pulizija jaghmel rapport kontrih. Jghid li darb'ohra kellu argument ma' haddiem iehor u tah erba' daqqiet ta' ponn anke jekk dan ghandu id wahda.

Semghet lill-**Ispettur Roderick Attard** inkontroezami fejn dan esebixxa zewg rapporti fuq allegat incidenti li kienu jinvolvu lil Blasio Buttigieg (Dok. RA1 u RA2).

Finalment ghad-difiza xehed **Rokku Zahra** fejn ikkonferma rapport immarkat bhala Dok. RA1 u jghid illi huwa kien jahdem bhala security mal-kumpanija li kienet tiehu hsieb il-kumpanija Asfaltar. Jghid illi ta' spiss hu kien jahdem bil-lejl u meta kien ikun qed jaghmel ir-ronda kien isib lil Blasio Buttigieg jigri warajh. Jghid illi darba minnhom l-imputat kien qallu sabiex l-ghada jiftah ix-xatba aktar kmieni peress li kienu gejjin tal-konkos u dan hekk ghamel. Jghid illi gara li ftit wara jerga' jsibha maghluqa u mill-ewwel haseb li kien Blasio. Meta rega' mar biex jiftaghha hareg Blasio ghalih u ried sodisfazzjon ghalxiex kien fetaghha u beda joffendih u dahal fil-kamra tieghu u

gab mazza u kien gej itih biha izda x-xhud irnexxielu jnehhihielu minn idejh. Jghid illi mbaghad fil-ghaxija meta kien ghadu xoghol gie t-tifel ta' Blasio u beda jtih go wiccu u Blasio beda jwaddabblu xi bottijiet. B'hekk sar ir-rapport.

Rat ukoll ix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li kkonfermaw ir-rapporti esebiti mill-prosekuzzjoni kif ukoll dettalji a rigward l-arrest tal-imputat.

<u>**Ikkunsidrat**</u>:

Illi dawn il-proceduri jduru fuq iz-zewg verzjonijiet tal-partijiet li huma dijametrikament opposti jew ahjar tal-imputat hija wahda dettaljata u tal-parte civile hija wahda karenti mill-aspetti importanti tal-incident. Illi apparti dan ghalkemm kien hemm numru ta' xhieda li l-prosekuzzjoni ressqet li kienu fil-post tal-incident dawn effettivament ma rawx x'gara ezatt qabel. Illi fuq in-naha l-ohra id-difiza, ghalkemm mhix qed tinnega li l-imputat b'xi mod kien kagun ta' dan l-incident, dan ma sarx bil-konsapevolezza li ried johloq xi dannu lill-parte civile izda minhabba provokazzjoni kontinwa u diretta tal-istess.

Fil-fatt, apparti x-xhieda dettaljata tal-imputat, id-difiza pprezentat numru ta' xhieda ohra li jikkonfermaw il-

karattru belligeranti tal-parte civile Blasio Buttigieg u kemm kien ihobb jaqbad man-nies u jikkrea problemi.

Illi ghalhekk f'dan l-istadju jkun opportun li taghmel referenza ghal xi sentenzi tal-Qorti tal-Appell li jidhlu f'dan l-element ta' legittima difeza meta tigi bi provokazzjoni. Fil-kawza **<u>Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro</u>** deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 per Onor Imhallef Vincent DeGaetano gie ritenut li:

> *"Mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali. Il-ligi titkellem car dwar "il-bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak illi jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dutrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' l-inevitabbilita jigi nieqes meta wiehed minnflok ma jevita l-inkwiet, ossia l-glied illi jara gej, meta dan jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita hu stess il-konfront fiziku."*

Illi l-**Professur Sir Anthony Mamo**, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", jghid is-segwenti:

*"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Hawnhekk issir riferenza ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti** deciza fit-3 ta' Ottubru 2018 fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal kaz tas-16 ta' Ottubru

2003 fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa</u>**, fejn inghad illi:

*"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.''*

Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma, kif fil-fatt kienet fil-proceduri bl-isem **<u>Il-Pulizija v. Shaun Demicoli</u>** (deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-30/06/2020 liema sentenza ma gietx appellata mill Avukat Generali – Kump 229/14) li fil-kaz odjern kien hemm provokazzjoni da parti tal-parte civile Blasio Buttigieg li bl-atteggjament assillanti u kontinwu tieghu flimkien mal-passat aggressiv tieghu, ir-reazzjoni tal-imputat li nhasad u beza' meta ra lil Buttigieg imur fil-kamra fejn kien jaf li kien izomm certu armi li kien uza fil-passat, kienet ghal kwantu legittima u li

oggettivament kienet tkun wahda normali f'tali cirkostanzi.

Illi fil-kaz inezami ma hemmx dubju li l-imputat ma setax janticipa l-periklu, u li dan il-periklu kien imminenti u l-agir tal-imputat kien propju wiehed instantanju. Minkejja dan hemm ukoll l-element tal-proporzjonalità; mhuwiex bizzejjed li l-minaccja tkun gravi, ingusta u inevitabbli; huwa wkoll necessarju li r-reazzjoni tal-akkuzat tkun proporzjonata.

Issa f'dan il-kuntest iqum id-dubju a rigward il-komportament tal-imputat meta faqqa daqqa f'wicc il-parte civile wara li dan waqqghu mal-art. Dan l-agir certament seta' jigi evitat mill-istess imputat u jista' jidher bhala li l-imputat kien qed jagixxi oltre' l-limiti tad-difeza legittima.

Illi mix-xhieda dettaljata tal-imputat li jirrakkonta li dak il-hin li kien qed jigri kollox kien imbezza' u li l-intent tieghu kien biss li jipprevjeni lill-parte civile milli jidhol fil-kamra u jgib xi arma, dan l-agir qed jigi ritenut bhala azzjoni

wahda flimkien mal-azzjoni li pprecediet u kwindi bhala reazzjoni instantanja.

Dan gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija v. Karmenu Cutajar**, fejn f'seduta tal-4 ta' Frar, 2003, il-Qorti ddeskriviet dawn l-elementi neccessarji tal-legittima difiza billi qalet hekk:

> *"Hsara hi meqjusa li tkun gravi jekk tkun diretta lejn l-inkolumita` personali ta' dak li jkun, jigifieri jekk dak li jkun (u li allura jagixxi biex jeddefendi lilu nnifsu jew lil haddiehor billi jipprova jevita dik il-hsara) jirravviza offiza fuq il-persuna tieghu jew ta' haddiehor gejja mill-persuna li kontra taghha jagixxi. Il-hsara, pero`, trid tkun ukoll inevitabbli, fis-sens li tkun attwali (jigifieri ta' dak il-hin stess, mhux semplici minacca ta' xi haga fil-futur), improvvisa u impreveduta, u li ma tkunx tista' tigi ragjonevolment evitata b'xi mod iehor hlief billi dak li jkun jikkaguna l-offiza fuq il-persuna ta' l-aggressur jew joqtlu. Fl-ahhar nett, il-hsara tkun ingusta jekk ma tkunx ordnata jew permessa "mil-ligi jew mill-awtorita` legittima". Jehtieg finalment*

*li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-perikolu ravvizat u l-mezz adoperat biex jigi evitat dak il perikolu.''*

Illi ghaldaqstant f'dawn il-proceduri, apparti d-difiza tal-legittima difeza, ghandha tapplika wkoll id-dispozizzjoni tal-Artikolu 227(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ghalkemm tirreferi ghal omicidju volontarju tapplika wkoll ghal griehi ohra ta' natura volontarja, u tiddisponi s-segwenti:

*"(d) jekk isir minn persuna illi, fil-waqt li tkun tagixxi taht ic-cirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223, tohrog barra mil-limiti imposti mil-ligi jew mill-awtorità, jew mill-bzonn:*

*Izda, dan l-eccess ma jkunx suggett ghal piena, jekk ikun sar minhabba li l-persuna tkun inhasdet, bezghet jew twerwret."*

Illi a rigward tal-griehi sofferti mill-parte civile jinghad illi certament dawn huma ta' natura gravi ghaliex kienu fil-wicc u li ghandhom jigu kkunsidrati bhala sfregjanti stante

li skont ir-rizultanzi tal-espert forensiku Dr Mario Scerri dawn il-griehi huma vizibbli “from within talking distance”.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 214, 215, 218(1)(b)(2), 222A, 223 u 227(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lil **Godfrey Grech** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih izda tezentah minn kull piena applikabbli.

Il-Qorti tezenta wkoll lill-imputat invista tac-cirkostanzi tal-kaz mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

__________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**